Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 7/2017/1

**Sreysross Siev**

**Vs**

**Direttur Dipartiment Citizenship and Expatriate Affairs**

26 ta' Jannar, 2018.

1. Sreysross Siev (appellanti) hi cittadina tal-Cambodia. B'ittra tat-28 ta' Awissu, 2015 id-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates gharrafha li b'riferenza ghall-applikazzjoni li pprezentat taht il-provvedimenti tas-*Single Application Procedure for a Single Permit, as regards residence and work, and a common set of rights, to those Third Country Workers Legally residing in Malta Regulation* (Avviz Legali 160/2014), l-applikazzjoni giet rifjutata.

2. B'ittra tas-7 ta' Settembru, 2015 l-appellanti appellat quddiem il-Bord tal-Appelli mwaqqaf bl-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217). L-aggravju taghha kien:

   *"... she is in fact being given a salary in line with the relevant regulations as can be verified easily through her Employer's Accounts and through independent verification of those Accounts by her Accountant as well as through relevant information sent in her regard to the Commissioner of Inland Revenue"*.

3. B'decizjoni tat-23 ta' Settembru, 2016 il-Bord cahad l-appell wara li osserva:

   *"The Board notes that the appeal is dated 7th September 2015 and that therefore, the appellant had over a year to submit further documentation in support of the appeal. In spite of this, none of the documentation which according to the appellant's advocate could disprove the reason for refusal was submitted"*.

4. Fis-16 ta' Jannar, 2017 l-appellanti pproponiet proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li fihom talbet ir-revoka tad-decizjoni tal-Bord minhabba li:

   i. Qatt ma nghatat l-opportunita li tipprezenta d-dokumenti li jissemmew fl-ittra tas-7 ta' Settembru, 2015;

ii. Id-Dipartiment naqas milli jiehu konjizzjoni tan-ness familjari bejnha u s-sid tal-kumpannija li timpjegaha. Kim Thi Ly-Chalakova hi z-zija tal-appellanti u cittadina tal-Ewropa.

iii. In-nullita' tad-decizjoni tal-Bord ghaliex naqas milli jsegwi r-rekwiziti tal-Artikolu 218 tal-Kodici Civili[1].

5. Fit-13 ta' Frar, 2017 id-Direttur tac-Cittadinanza u tal-Expatriates wiegeb:

i. It-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza. Decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni tista' tigi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 25A tal-Kap. 217.

ii. Ta wkoll ir-ragunijiet ghalfejn fil-meritu t-talba ghandha tigi michuda.

6. B'digriet li nghata fit-30 ta' Mejju, 2017 it-Tribunal iddikjara li m'ghandux kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza u baghat l-atti quddiem din il-qorti skont il-procedura kontemplata fl-artikolu 741(b) tal-Kap. 12.

7. Skont l-Artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali* ***hlief ghar-rigward ta' punti ta' dritt decizi mill-Bord rigward decizjonijiet li jkunu jolqtu persuni bhal dawk imsemmija fit-Taqsima III****, li minnhom jista' jkun hemm appell fi zmien ghaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri)…."*

Il-qorti tosserva:

i. Fid-decizjoni tat-23 ta' Settembru, 2016 ma gie deciz l-ebda punt ta' dritt. Appell quddiem din il-qorti hu limitat ghal punti ta' dritt li jkunu gew decizi mill-Bord tal-Appell. L-appell gie michud ghaliex l-appellanti naqset milli tressaq provi dokumentarja biex tissostanzja dak li allegat fl-appell. Raguni li zgur li m'hijiex punt ta' dritt deciz mill-Bord.

ii. Ma jirrizultax li l-appellanti, cittadina tal-Cambodia, hi persuna li tissemma fit-Taqsima III tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (ara sentenza **Daham Al Hamed vs Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**, deciza minn din il-qorti fis-26 ta' Gunju, 2009). Hu biss fir-rigward tal-persuni li jissemmew f'Taqsima III tal-Kap. 217 li jista' jsir appell quddiem din il-qorti. L-appellanti hi *third country national* li applikat ghall-ghoti ta' permess biex tkun tista' tahdem Malta, taht ir-Regolamenti dwar Procedura Ta' Applikazzjoni Wahda Ghal Permess

[1] F'dan ir-rigward hu evidenti li hemm zball u li l-appellanti riedet tirreferi ghall-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Uniku Fir-Rigward Ta' Residenza U Xoghol u Gabra Komuni Ta' Drittijiet Ghal Dawk Il-Haddiema ta' Pajjizi Terzi Li Jirrisjedu Legalment f'Malta (Ligi Sussidjarja 217.17). Skont regolament 2, *"cittadin ta' pajjiz terz tfisser kull persuna li mhijiex cittadin tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat dwar il-Funzonamenti tal-Unjoni Ewropea".* Fir-rikors promotur intqal ukoll li l-appellanti hi n-neputija ta' Kim Thi Ly-Chalakova, li skont l-appellanti ghandha c-cittadinanza Ewropea u tghix Malta. Pero' l-appellanti ma tikkwalifikax bhala dipendenti tal-imsemmija persuna (ara definizzjoni ta' dipendenti fl-artikolu 2 tal-Kap. 217).

iii. Fuq il-kopja tad-decizjoni tal-Bord li l-appellanti pprezentat (fol. 11) flimkien mar-rikors promotur hemm miktub, "She came to know of the decision 8/12/16". Ir-rikors promotur kien prezentat fis-16 ta' Jannar, 2017, li hu wara l-ghaxart (10) ijiem li fih ghandhom isiru appelli quddiem din il-qorti. Ghalhekk f'kull kaz l-appell hu tardiv.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.